# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Noel Bartolo**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 21 TA' Frar 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs.**

**Kevin Borg**
**detentur tal-Karta tal-Identita**
**Maltija bin-numru 330679M**

G.K 633/2022

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Kevin Borġ, ta' 42 sena, iben John u Carmen xebba Pace, imwieled il-Pieta' nhar is-6 ta' Lulju 1979, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 330679M, akkuzat talli:

Nhar l-għoxrin (20) ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u għoxrin tal-filgħodu (09:20Hrs) u d-disgħa u nofs ta' filgħodu(09:30Hrs) ġewwa l-istabbiliment mgħammar bl-isem 'LIDL' sitwat fi Triq tal-Barrani, Żejtun:-

1. Ikkommetta serq sempliċi ta' 'disa' bottijiet kafe' tad-ditta Nescafe'għad-detriment ta' LIDL Malta;
   Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Ikkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. Astrid May Grima LL.D. nhar l-10 ta' Mejju 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula; u

3. Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;
   Art. 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess data u fil-ġranet ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-gżejjer:

4. Għex ħajja ta' għażż u vagabondaġġ.
   Art 338 (w) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali Dok JC, certifikat tat-twelid Dok JC 1, rifjut tal-assistenza legali Dok JC 2 u stqarrija Dok JC 3 u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u semghet ukoll lid-difiza u lill-prosekuzzjoni jinfurmaw lill-Qorti li l-imputat ghandu diffikulta minhabba l-vizzju tad-droga u ssugerew lill-Qorti li piena idoneja tkun dik ta' sentenza ta' prigunerija fil-konfront tal-imputat it-terminu ta' liema jkun sospiz.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tal-imputat (Dok. "JC"). Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni dak issuggerit mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 284, 285, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Kevin Borg** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Kevin Borg fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn millum.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

Mario Spiteri
Deputat Reġistratur